# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' nhar l-Erbgha 26 ta' Frar 2020

**Rikors Numru : 495/2019 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**AB**

**vs**

**RB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' AB, datat 1 ta' Novembru 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet fuq premessi żżewwġu fl-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgħa, liema kopja tal-Att taż-Żwieġ jinsab hawn anness u immarkat bħala* ***Dok AB1.***

*Illi minn dan iż-żwieġ twieldet tifla bl-isem ta' YB, imwielda f'X u għaldaqstant għadha minorenni, liema ċertifikat tat-twelid jinsab hawn anness u immarkat bħala* ***Dok AB2.***

*Illi l-partijiet fuq premessi ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni redatt min Nutar Dottor Ruben Casingena mit-tnejn u għoxrin (22) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) kopja ta' liema kuntratt jinsab hawn anness u mmarkat bħala* ***Dok AB3,*** *liema kuntratt ta' separazzjoni ġie ippubblikat in segwitu ta' digriet mogħti minn din l-Onorabli Qorti bin-numru 11568/15 datat tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) liema kopja tal-istess digriet qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala* ***Dok AB 4****.*

*Illi l-konvenuta qed tirċievi mingħand l-esponent manteniment adegwat għall-minorenni YB fl-ammont ta' tliet mitt ewro (€300) fix-xahar, hekk kif provdut fil-*

*klawsola 5(l) tal-kuntratt tas-separazzjoni surriferit.*

*Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għall-partijiet għar-rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom erba' (4) snin legalment separati, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.*

*Illi l-esponent ħejja l-anness affidavit, mmarkat* ***Dok AB5*** *li permezz tiegħu qed jikkonferma l-kontenut tar-rikors ġuramentat odjern.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta).*

*Għaldaqstant, l-esponent umilment jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat fl-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgħa (2004) bejn il-partijiet; u*
2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata dehret minghajr assistenza legali u wara li gie spjegati lilha d-drittijiet legali taghha ghazlet li ma tkunx assisitita minn avukat u wiegbet li ma kellhiex oggezzjoni ghad-divorzju (vide fol 25);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**AB** xehed bl-affidavit (Dok AB5, fol 20) illi huwa izzewweġ lill-konvenuta RB fl-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgħa (2004) li minn dan iz-zwieġ twieldet tifla bl-isem ta' YB imwielda f'X. Xehed ukoll illi l-partijiet ilhom separati erba' (4) snin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat it-tnejn u għoxrin (22) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) Xehed illi huma għandhom ħajja totalment separata minn xulxin u ma hemm l-ebda prospett ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

Ikkonferma li l-konvenuta tirċievi manteniment mingħandu ta' tliet mitt ewro (€300) fix-xahar permezz ta' pagamenti ta' mija u ħamsin ewro (€150) kull ġimagħtejn, skond klawsola 5(l) tal-kuntratt tas-separazzjoni. Xehed illi huwa jħallas ukoll spejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni tat-tifla minorenni.

Finalment xehed illi huwa la jħallas lil u lanqas jirċievi manteniment mill-konvenuta stante li fi klawsola 3 tal-kuntratt ta' separazzjoni huma iddekadew minn dan id-dritt ta' manteniment.

**AB** xehed bil ġurament (fol 26) li huwa iżżewweġ lill-martu fl-1 ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgħa u li minn dan iż-żwieġ twieldet tifla, illum għadha minorenni. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fit-22 ta' Lulju 2015, u li minn dak in-nhar 'l hawn ma kienx hemm rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet Xehed illi l-manteniment dejjem tħallas u ma hemm l-ebda arretrati tal-istess Finalment xehed ukoll illi tama ta' rikonċiljazzjni bejn il-partijiet ma hemmx.

RB xehdet (fol 27) u ikkonfermat u ikkorraborat dak li xehed **AB.**

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-1 ta' Ottubru 2004 (Vide Dok AB1 fol 5) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla YB, li għadha minorrenni (Vide dok AB2, fol 6).

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Ruben Casingena, datat 22 ta' Lulju 2015 (vide Dok. AB3 fol 7 et seqq.) u ghalhekk ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi arretrati ta' manteniment ma hemmx;

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sodisfacentement pruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**